

Brussell, 16 ta' Ottubru 2023
(OR. en, it)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0147(COD)

13942/1/23
REV 1 ADD 1

ECOFIN 983
CYBER 236
CONSOM 350
MI 832
COMPET 964
EF 298
DIGIT 209
CODEC 1802

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2011/83/UE fejn jidħlu l-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod u li tħassar id-Direttiva 2002/65/KE (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Italja

L-Italja tikkonferma l-appoġġ tagħha għall-ftehim ta' kompromess dwar il-proposta għal direttiva li temenda d-Direttiva 2011/83/UE fejn jidħlu l-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod u li tħassar id-Direttiva 2002/65/KE, li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u li huwa rifless fl-eżitu tal-vot tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2023.

Għalkemm m'aħniex kompletament sodisfatti bir-regoli kollha stabbiliti fil-proposta għal direttiva, b'mod ġenerali aħna nqisuh bħala test leġiżlattiv sod u bbilanċjat.

Madankollu, nitolbu lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri matul il-proċess ta' traspożizzjoni biex jiġu approfonditi l-kwistjonijiet li jistgħu jinqalġu f'dak l-istadju. L-effettività tar-regoli l-ġodda ser tiddependi fuq l-applikazzjoni korretta tagħhom u l-appoġġ tal-Kummissjoni jista' jiffaċilita l-adozzjoni ta' approċċi omoġenji, filwaqt li jevita li jinqalġu fenomeni ta' arbitraġġ regolatorju mhux mixtieqa li jistgħu jissegmentaw is-suq intern. Infakkru li, minbarra li ssaħħaħ il-fiduċja fis-swieq finanzjarji billi tipproteġi lill-konsumaturi mir-riskji relatati mad-diġitalizzazzjoni, l-oġettiv importanti l-ieħor ta' din il-proposta leġislattiva huwa li tkompli ttejjeb il-moviment liberu tas-servizzi finanzjarji fis-suq uniku, filwaqt li toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti għal attivitajiet u riskji simili bejn l-operaturi differenti.
